TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 212/12 (JE).

Stephanie Jo Grech

vs

Future Focus Ltd.

Illum, 6 ta' Frar 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Stephanie Jo Grech tad-29 ta' Awwissu 2012 fejn qalet illi kienet talbet informazzjoni mingħand is-soċjetà konvenuta dwar kors ta' diploma illi s-soċjetà konvenuta kienet qed toffri dwar child care peress illi riedet taħdem ġo skola preferibilment tal-Gvern full time b'kuntratt definit (sic). Irċiviet e-mail illi b'dan il-kors hija tkun tista' taħdem kemm fi skejjel privati kif ukoll ta' l-Istat "full time". Għaldaqstant, hija applikat u ħallset depożitu ta' € 200. Ftit wara, l-attriċi semgħet b'każ ta' wieħed illi għamel l-imsemmi kors imma meta mar japplika mal-Gvern, ma ġiex aċċettat. L-attriċi għamlet il-verifiki tagħha mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni illi kkonfermalha illi dan il-kors m'hux biżżejjed biex taħdem mal-Gvern full time b'kuntratt definit (sic) imma bħala supply kinder garden assistant. L-attriċi kellmet lil Rosanne Galea, diretriċi tas-soċjetà konvenuta illi qaltilha illi dan il-kors jiswa daqs tlett A-levels u xorta sostniet illi b'dan il-kors wieħed jista' jaħdem full-time mal-Gvern. Is-sinjura Galea talbet lill-attriċi sabiex tikkuntattja lid-Direttriċi tal-Edukazzjoni, Micheline Sciberras u l-attriċi hekk għamlet. Is-sinjura Sciberras ikkonfermat dak illi kien diġa qal id-dipartiment u qaltilha illi l-kors hu meqjus bħala ekwivalenti għal A-level imma ma jissodisfax il-kriterji għall-post ta' kindrgarden assistant b'kuntratt definit (sic) mal-Gvern. L-attriċi skopriet ukoll illi wara l-2015, m'hux ser ikun hemm aktar sejħiet għal sejħiet għal kindergarden assistants u l-postijiet ser jimtlew minn għalliema gradwati. Għaldaqstant, dan il-kors ma kienx ser jiswa' fil-futur. Id-dipartiment stqarr illi s-soċjetà konvenuta kienet ilha taf b'dan imma l-attriċi ssostni li lilha ma qaltilhiex. Rinfaċċjata b'dina l-informazzjoni, is-soċjetà konvenuta offriet nota ta' kreditu li setgħet tissarraf f'kors ieħor jew f'assikurazzjoni. L-attriċi ssostni illi d-depożitu kellu jiġi rifuż fi flus kontanti għax meta hi kienet iffirmat it-Terms and Conditions, hija kellha l-intenzjoni illi tattendi l-kors imma għamlet dan meta kellha informazzjoni żbaljata.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta fejn qalet illi ma' l-attriċi kien hemm korrispondenza u hija kienet saqsiet jekk il-kors kienx rikonoxxut u jekk setgħetx taħdem full time. Is-soċjetà konvenuta kkonfermat illi l-attriċi setgħet taħdem mal-gvern bħala "supply kindergarden teacher" li huwa post "full-time" fuq perjodu definit. Is-soċjetà konvenuta ssostni illi l-attriċi messha għamlet il-verifiki

tagħha qabel ma applikat u hija kienet iffirmat t-termini u kundizzjonijiet illi kienu jipprekludu r-rifużjoni tad-depożitu mħallas.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Huwa minnu illi skond it-termini u kundizzjonijiet illi l-attriċi ffirmat, hija kienet responsabbli sabiex tivverifika jekk il-kors in kwistjoni huwiex rikonoxxut minn min iħaddem u illi s-soċjetà konvenuta talbet lill-applikanti jagħmlu l-verifiki tagħhom mal-MQIRC jew MQC direttament. L-attriċi għandha ċerta livell ta' edukazzjoni u messha qrat il-kundizzjonijiet sew u m'hux għamlet il-verifiki tagħha wara illi kienet diġa applikat.

Huwa minnu ukoll illi l-attriċi setgħet tapplika sas-sena 2015 sabiex tiġi mpjegata bħala "supply kindergarden assistant" imma mix-xhieda ta' Micheline Sciberras tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, it-Tribunal jifhem illi dan il-kors għadu m'hux rikonoxxut mid-dipartiment u qed fil-proċess illi jiġi amplijat sabiex jiġi rikonoxxut mid-dipartiment.

It-Tribunal iħoss illi għalkemm l-attriċi naqset illi tagħmel il-verifiki illi messha għamlet qabel ma applikat, is-soċjetà konvenuta kienet pjuttost retiċenti fl-informazzjoni li għaddiet lill-attriċi u għalkemm l-attriċi hija teknikament eliġibli illi jkollha mpjieg "full-time" illi eventwalment jista' jsir indefinit, m'huwiex il-każ illi l-kors in kwistjoni jintitola lill-attriċi illi tidħol taħdem mal-Gvern fil-mod illi l-attriċi evidentement xtaqet.

Fir-rapport bejn il-kummerċjant u l-konsumatur, it-Tribunal iħoss illi għandu jkun hemm lealtà reċiproka sħiħa bejn il-partijiet u l-kummerċjant għandu jagħti l-informazzjoni kollha disponibbli lill-konsumatur, anke jekk ma' tiġiex mitluba. F'dan il-każ, is-soċjetà konvenuta kienet pjuttost ekonomika fl-informazzjoni li tat u ma stqarretx illi l-kors tagħha għadu m'hux rikonoxxut mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-anqas illi wara l-2015, gradwati biss ikunu eliġibbli għal dawn il-posizzjonijiet.[1] Dan hu l-fattur kardinali illi qiegħed ixaqleb il-konklużjoni tat-Tribunal favur l-attriċi għalkemm din kellha n-nuqqasijiet tagħha.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi u jordna lis-soċjetà konvenuta sabiex tirrifondi d-depożitu ta' € 200 bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

[1] Ara e-mail ta' Micheline Sciberras tal-31 ta' Lulju 2012, Dok. 6 mat-talba attriċi.